**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A68/11

26 Jannar 2012

**<u>Avviż tal-Laqgħa Nru K5/68</u>**

Ser tissejjaħ **laqgħa urġenti** tal-Kunsill nhar **it-Tlieta 31 ta' Jannar 2012, fil-5.30 p.m.** fl-uffiċċju Amministrativ 283/1 Triq D'Argens, Gżira.

*1.* Diskussjoni u Approvazzjoni ta' Sejħa għall-Offerti *GLCT003/2012 Tender Public Private Partnership Stabilization Works for Resurfacing Works in Sir Patrick Stuart Street.*

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Dott. Chris Bonett B.A. LL.D.
Sindku

Rowena M Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali Gżira

9 ta’ Frar 2012

Ref Nru.Klg5/068

Minuti tal-**laqgħa Urġenti** Nru Klg5/68 li saret it-Tlieta 31 ta’ Jannar 2012.

Il-Kunsill iltaqa’ fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D’Argens Gżira fil-5.30 p.m.

## Preżenti

Seba’ membri tal-Kunsill li kienu, s-Sindku Chris Bonett, l-Viċi-Sindku Joe Camilleri, l-Kunsillieri Anthony Abela, Anthony Grech Ian Micallef, Malcolm Camilleri u Victor Rutter flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

Attenda għall-parti mill-laqgħa, l-Perit Joe Bugeja.

## *Chairman*

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa.

## Agenda

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fis-26 ta’ Jannar 2012.

## 1. Diskussjoni u Approvazzjoni ta’ Sejħa għall-Offerti *GLCT003/2012 – Tender Public Private Partnership Stabilization Works for Resurfacing Works in Sir Patrick Stuart Street Gżira*

**1.1** Iċ-*Chairman* fetaħ id-diskussjoni billi ta’ r-raġuni l-għala ssejħet il-laqgħa t’urġenza u cioe’, li dak inhar stess fl-10.00 ta’ filgħodu, kienet infetħet l-uniku sottomissjoni għas-Sejħa għall-Offerti sopracitata li kienet, id-ditta *Polidano Bros Ltd.*

F’dan l-istadju, ċ-*Chairman* stieden lill-Perit Joe Bugeja sabiex jispjega fid-dettal r-rapport, li kopja tiegħu tqassmet lill-membri tal-Kunsill.

Il-Perit qal, li r-rapport kien kompost minn *covering note* bir-rakkomandazzjoni tiegħu u analiżi t'opzjonijiet li jinkludu, li jitneħħa l-*camber* (dahar il-ħmar) u jsir jew saff bis-*cement stabilization* jew jitħaxxen l-asfalt jew isir l-asfalt kif oriġinarjament pjanat jew inkella l-forma tat-triq titħalla kif inhi iżda jingħata s-*cement stabilization*. Hu kompla jgħid, li kif kien spjega waqt laqgħat oħra tal-Kunsill, ir-rakkomandazzjoni tiegħu għal *Triq Sir Patrick Stuart* tkun, li jitneħħa il-*camber* u jingħata *layer* ta' *cement stabilization* għar-raġuni, li teknikament din hi l-għażla li tħalli l-aħjar riżultat fattur, li ma setax jiġi mplimentat fi *Triq Sir Frederick C Ponsonby* minħabba ċ-ċirkustanzi t'urġenza li kien hemm biex jitlesta x-xogħol u r-rati tas-*cement stabilization* ma kienux disponibbli.

Wara l-ispjegazzjoni tal-Perit, iċ-*Chairman* stieden lill-membri jressqu l-mistoqsijiet u/jew il-kummenti tagħhom.

Il-Viċi-Sindku talab lill-Perit jirrikonferma l-aħjar opzjoni filwaqt, li l-Kunsillier Ian Micallef żied jistaqsi, kif jirrigwarda din ir-rakkomandazzjoni ma' dak li ġie propost qabel.

Il-Perit Joe Bugeja wieġeb, li kif spjega aktar 'l fuq, li l-aħjar opzjoni hi li jiġi utilizzat is-*cement stabilization* filwaqt, li kkonferma li r-rakkomandazzjoni ta' dan ir-rapport, kienet l-istess bħal ma ta' fir-rapport ppreżentat waqt il-laqgħa li saret fl-1 ta' Diċembru 2011.

Għall-konferma taċ-*Chairman*, jekk l-għażla tas-*cement stabilization* kienitx l-orħos, il-Perit wieġeb fl-affermattiv u reġa' rrikkonferma li hu kien tal-parir li l-*camber* għandha titneħħa u għall-mistoqsija tal-Kunsillier Anthony Abela dwar jekk iridx ikun hemm aktar tqaxxir biex titneħħa l-*camber* u jsir *cement stabilization*, il-Perit wieġeb fl-affermattiv u qal, li l-għoli jrid jiżdied 150mm fuq dak imnizzel fis-Sejħa għall-Offerti oriġinali.

Il-Perit spjega, li l-prezz bit-tneħħija tal-*camber* u bl-implimentazzjoni tas-*cement stabilization* skont il-*B.O.Q.*sottomessa jrid ikun magħmul minn *items 1.01 – 1.02 – 2.01 – 3.0.* li b'kollox jammontaw għal €29,552.00 *VAT* inkluża. Il-prezz bit-tneħħija tal-*camber* u bl-implimentazzjoni tal- ħxuna ta' l-asfalt abazi tal-*B.O.Q.* hu kompost minn *items 1.01 – 1.02 – 2.01 - 4.0* li jammontaw għal €37,971.60.

Ġa la darba l-punti kollha tad-diskussjoni ġew eżawriti, ċ-*Chairman* ressaq il-materja għall-votazzjoni.

Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef, li l-uniku ditta li ssottomettiet l-offerta tagħha jiġifieri *Polidano Bros Ltd,* awtomatikament rebħet l-offerta u x-xogħol isir billi titneħħa l-*camber* u jingħata saff tas-*cement stabilization* għall-prezz ta' €29,552. *VAT* inkluża.

Finalment iċ-*Chairman* ġibed l-attenzjoni tal-Perit bħala l-*Contract Manager* tal-Perit sabiex jassigura li r-*resurfacing* ikun aktar unit u viżivament pulit.

Il-Kunsillier Anthony Abela żied jgħid, li jeħtieġ tingħata aktar attenzjoni għall-livellar tat-triq u dan sabiex ma jerġax jiġi repetut dak li ġara fi *Triq Sir Frederick C Ponsonby* fejn ma' kull kantuniera żamm l-ilma tax-xita.

Filwaqt, li l-Viċi-Sindku qal li ma kienx jaqbel mal-kumment tal-Kunsillier Anthony Abela, l-Perit Joe Bugeja qal, li ma kienx qed jifhem lill-Kunsillier u dan invista tal-fatt, li b'eżitu tat-tneħħija tal-*camber* minn *Triq Sir Frederick C Ponsonby,* l-ilma tax-xita kien qed jgħaddi minn nofs tat-triq u minn *site inspections* li għamel, ma rriżultalux dak li kien intqal aktar qabel.

Għas-suġġeriment tal-Kunsillier Ian Micallef, jekk l-implimentazzjoni ta' *built outs* kienitx ser tindirizza dak li qal il-Kunsillier Anthony Abela, l-Perit Joe Bugeja qal, li bl-implimentazzjoni tat-tneħħija tal-*camber*, il-Kunsill m'għandux għalfejn jirriżolvi għal dak propost u talab lill-Kunsillier Anthony Abela sabiex jagħmlu *on site meeting* biex b'hekk tiġi ndirizzata din il-materja.

Il-laqgħa ntemmet fis-6.30 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott Chris Bonett B.A. LL.D. | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |